**3 ta' April, 1989**

**Imħallef: –**

**Onor. Prof. Wallace Ph. Gulia B.A., LL.D. B.Sc., Ph.C., M.A.(Admin)(Manch) D.P.A.(Lond)**

Il-Pulizija

*versus*

Paul Gatt

## Xhud Regolarment Notifikat

*Meta xhud tal-prosekuzzjoni, debitament notifikat, ma jidhirx, u l-prosekuzzjoni tinsisti li dan jinstema', il-Qorti ma tistax tgħaddi għas-sentenza mingħajr ma tisimgħu.*

Il-Qorti: –

Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati, tal-Pulizija Ġudizzjarja għall-Gżira ta' Malta tat-18 ta' Frar, 1988 fl-ismijiet Il-Pulizija kontra Paul Gatt (fuq l-imputazzjoni miġjuba mill-Pulizija kontra l-imputat Paul Gatt talli f'dawn l-aħħar xhur ħatt jew għamel tibdil f'bini jew siti li huma ta' importanza fis-sens ta' l-artikolu 2, jew ħatt jew għamel tibdil

fi fdal ta' monumenti li jkunu jinsabu ġewwa fond sew jekk ikun tal-privat jew xort'oħra mingħajr il-permess meħtieġ bil-miktub tal-Ministru responsabblu u skond il-kondizzjonijiet stipulati ta' l-istess Ministru fil-post magħruf Għajn Kajjiet limiti tar-Rabat, bi ksur ta' l-artikolu 5 tal-Protezzjoni ta' l-Antikitajiet Kap. 90) li biha, peress li ma hemmx provi, illiberat lill-imsemmi Paul Gatt;

Rat ir-rikors ta' l-appell ta' l-Avukat Ġenerali fejn l-aggravju magħmul jikkonsisti f'illi l-Pulizija ġiet impeduta milli ġġib prova indispensabbli sabiex issaħħaħ l-akkuża, meta dina l-prova – ix-xiehda ta' Natalino Fenech – kienet perfettament ammissibbli skond il-liġi. Il-Pulizija kienet preparata biex tipprosegwixxi l-kawża, ħarrket ix-xhud regolarment, u meta ma deherx anke talbet differiment;

Ikkunsidrat illi mill-proċess jirriżulta ċar illi x-xhud tal-Prosekuzzjoni, Natalino Fenech, kien debitament notifikat għas-seduta ta' l-ewwel Onorabbli Qorti tat-18 ta' Frar, 1988; iżda dan baqa' ma deherx u kien ikkundannat mill-Qorti, għaxar liri għad-disprezz tal-Qorti talli ma deherx; Il-Prosekuzzjoni talbet differiment biex jinstema' dan ix-xhud, iżda d-difiża opponiet u l-Qorti ordnat li l-kawża titkompla dak in-nhar stess, naturalment fl-assenza ta' l-istess xhud tal-Prosekuzzjoni (verbal seduta 18 ta' Frar, 1988, fol. 4). Ċertament dan juri li ma kien hemm ebda nuqqas min-naħa tal-Prosekuzzjoni biex tipproduċi x-xhieda tagħha fis-seduta tat-18 ta' Frar, 1988. L-anqas ma kien hemm xi allegazzjoni li l-każ ma kienx irid dewmien, fis-sens ta' l-artikolu 364 tal-Kodiċi Kriminali (Kap. 9) u fi kwalsiasi każ, ukoll li l-każ ma jkunx irid dewmien, il-każ ma jistax jgħaddi 'l quddiem fin-nuqqas tax-xhieda; f'dak il-każ, iżda x-xhieda jkunu jistgħu jitħarrku minnufih u fil-każ li tibqa' tonqos li tidher,

il-persuna li tkun tista' tkun, b'mandat tal-Qorti, arrestata u mressqa quddiem il-Qorti. L-artikolu 441 Kodiċi Kriminali mbagħad jipprovdi kif l-ispejjeż tas-seduta li jkunu saru peress li x-xhud ma deherx jistgħu jkunu mgħoddija lix-xhud li n-*nuqqas ta' dehra tiegħu jkun ġab dawk l-ispejjeż. Dan kollu juri* li x-xhieda għandhom jinstemgħu u li ma jistax jinqabeż l-istadju tal-provi. Skond l-artikolu 356 Kodiċi Kriminali hu dmir tal-Pulizija Esekuttiva li ġġib quddiem il-Qorti l-provi kollha li tkun ġabret fuq ir-reat. Issa f'dan il-każ ix-xhud prinċipali ċertament kien Natalino Fenech u l-Prosekuzzjoni kellha kull raġun titlob differiment biex ikun jista' jinstema' dan ix-xhud;

Għal dawn il-motivi, il-Qorti tifhem li *ai termini* ta' l-artikolu 428(3) għandha tħassar is-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-Maġistrati tal-Pulizija Ġudizzjarja ta' Malta tat-18 ta' Frar, 1988, fl-ismijiet premessi, u tiddeferixxi l-kawża għall-kontinwazzjoni, għas-smigħ tal-provi u għat-trattazzjoni fuq il-mertu għad-19 ta' Ġunju, 1989.